

3. It-tielet motiv ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kofinanzjament mill-FEŻR, sa fejn ġie kkunsidrat li huma biss l-investimenti li jgħolqu postijiet tax-xogħol li jeżiġu kwalifiki li jistgħu jiġu kkofinanzjati, kif ukoll fuq evalwazzjoni żbaljata tal-proġett, sa fejn ġie kkunsidrat li ma jgħolq l-ebda post tax-xogħol li jeżiġi kwalifi.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-proġett sa fejn ġie kkunsidrat li huwa ma jiggarantixxix it-twertiq tal-għanijiet tal-programm operattiv "Ekonomija Innovattiva" minħabba l-assenza ta' valur miżjud u minħabba l-assenza ta' effett ta' inċentiv.

---

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2015 – JYSK vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-403/15)

(2015/C 311/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: JYSK sp. z o.o. (Radomsko, il-Polonja) (rappreżentant: H. Sønderby Christensen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

— tannulla d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 3228 finali, tal-11 ta' Mejju 2015, dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-proġett kbir "Ċentru Ewropew ta' Servizzi Kondiviżi – Sistemi ta' loġistika intelliġenti", li jagħmel parti mill-programm operattiv "Ekonomija Innovattiva" għal għajnuna mill-FEŻR fil-kuntest tal-għan ta' Konverġenza fil-Polonja.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li JYSK kienet tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mill-Gvern Pollakk u l-għanijiet kemm tal-programm operattiv "Ekonomija Innovattiva" 2007-2013 (PO EI) kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-proġett huwa konformi mal-PO EI u mad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

— Ir-rikorrenti ssostni li, fid-deċizzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li l-kriterji stabbiliti fis-Submiżura 4.5.2. (Anness 2) huma konformi mal-PO EI u mad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li l-proġett huwa konformi mal-kriterji stabbiliti u/jew li JYSK kienet intitolata għal marka ta' 60,5 punti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-essenza ta' din il-kawża.

— Ir-rikorrenti ssostni li din il-kawża – fil-fatt – ma għandhiex x'taqsam ma' JYSK – għaliex il-partijiet kollha – inkluża l-Kummissjoni – jaqblu fuq il-fatt li JYSK fil-fatt issodisfat il-kriterji stabbiliti. Skont ir-rikorrenti, din il-kawża għalhekk hija biss tilwima dwar il-legalità bejn, minn naħa, l-amministrazzjoni Pollakka, u min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni. Dan ma għandux jirrendi lil JYSK vittma.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-fatt li r-rappreżentant tal-Kummissjoni kkonferma li l-amministrazzjoni Pollakka hija konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u mal-PO EI.
- Skont ir-rikorrenti, huwa ċar li l-Kummissjoni qablet mar-rekwiżiti stabbiliti kollha u li hija aċċettat il-PO EI u l-implementazzjoni konkreta.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni tikser it-tqassim ta' kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-amministrazzjoni Pollakka kif ukoll il-prinċipju ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.
- Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma għandhiex is-setgħa tiegħa appoġġ nazzjonali għal raġunijiet li dwarhom għandha tittieħed deċiżjoni mill-amministrazzjoni Pollakka – minħabba l-esperjenza fil-qrib ta' din tal-aħħar f'dan il-qasam. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni lanqas ma għandha s-setgħa tiegħa appoġġ għal raġunijiet li kienet taf bihom fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' JYSK. It-"tabella ta' valutazzjoni" (Submiżura 4.5.2.) allegatament tesprimi eżattament l-għanijiet u l-iskopijiet tal-PO EI u t-tnejn li huma kienu magħrufa mir-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-Kumitat ta' monitoraġġ fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' JYSK. Il-ftehim/interpretazzjoni korrett tal-PO EI, skont ir-rikorrenti, għandu jieħu inkunsiderazzjoni t-tagħrif speċifiku tal-amministrazzjoni Pollakka rigward il-postijiet tax-xogħol u l-kompetenzi tal-ħaddiema f'Radomsko, u l-Kummissjoni ma għandhiex tirrevoka fid-dettalji kollha l-evalwazzjoni tal-amministrazzjoni Pollakka meta timplemeta l-programm, u lanqas ma huwa korrett li jitqiesu kwalunkwe intenzjoni jew "mira" tal-PO EI bħala deċiżivi, kif tagħmel il-Kummissjoni. Skont ir-rikorrenti, ftehim korrett tal-PO EI u tad-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jkun ibbażat fuq il-fatt li xi wħud mid-dispożizzjonijiet huma ta' importanza ikbar minn oħrajn – kif muri fit-tabella ta' valutazzjoni (Submiżura 4.5.2.).
6. Is-sitt motiv, li jikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni.
- Ir-rikorrenti ssostni li ebda wieħed mit-tliet argumenti prinċipali ma kienu fis-seħħ u/jew deċiżivi fis-sens li l-Kummissjoni tallega u fis-sens li l-Kummissjoni tirreferi għalih fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' JYSK (Lulju 2008). Skont ir-rikorrenti, ma jistgħux għaldaqstant ikunu rilevanti f'dan il-każ u, sa fejn din il-qorti tikkonstata li huma rilevanti, ma kinux deċiżivi.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2015 – Monster Energy vs UASI – Hot-Can Intellectual Property  
(HotoGo self-heating can technology)**

(Kawża T-407/15)

(2015/C 311/64)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Hot-Can Intellectual Property Sdn Bhd (Cheras, il-Malasja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Applikant: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "HotoGo self-heating can technology" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 418 101

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 1028/2014-5